# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar, 2019**

**Numru 4**

**Appell numru 64/2004PC**

**Pietru Camilleri u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2012 il-gudizzju ta' Pietru Camilleri gie trasfuz f'isem l-armla tieghu Marija Camilleri biss; Vincenza mizzewga Zammit u b'digriet tad-9 ta' Marzu 2009, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Emanuel, Paul, Miriam mizzewga Cauchi, Victor, Gorg u Michael ahwa Zammit minflok Vincenza Zammit li mietet fil-mori tal-kawza, Ganna mizzewga Azzopardi; Marija mizzewga Borg; Carmela maghrufa bhala Lina mizzewga Rapa; Tereza, xebba; u Rita armla Ellis, ilkoll ahwa Camilleri, ulied il-mejtin Guzeppi Camilleri u Karmela mwielda Vella kif ukoll Marija mizzewga Falzon**

**v.**

**Michael u Marija konjugi Portelli, u b'digriet tat-12 ta' Frar 2008 Joseph Borg gie nominat sabiex jirrapprezenta lil Maria Portelli peress li tinsab imsiefra**

**Il-Qorti:**

Preliminari

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, (Sezzjoni Generali) f'din il-kawza fit-13 ta' Ottubru 2017, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza u dan billi tichad t-talbiet kollha attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fit-13 ta' Ottubru 2017 qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:
>
> "Illi l-atturi huma l-propjetarji u fil-pussess ta' biċċa raba fil-kuntrada ġja msejħa "Ta' Saveria", illum magħrufa bħala "Ta' Sufa" fil-limiti tan-Nadur tal-kejl ta' ċirka elfejn ħames mija u sitta u sittin metru kwadru (2,566 m.k.) fuq liema territorju hemm mibnija mitħna diżabitata;
>
> "Illi wara l-aħħar ġimgħa ta' April tas-sena elfejn u erbgħa (2004), il-konvenuti kemm-il darba daħlu fl-imsemmi territorju, akkumpanjati minn periti, u anke ssottomettew applikazzjoni għall-iżvilupp tal-imsemmija mitħna mingħajr il-kunsens tal-atturi;
>
> "Illi l-atturi waħlu xatba fil-jew wara l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) fil-bieb tal-imsemmija mitħna sabiex jagħlqu l-aċċess tal-istess mitħna, liema xatba tneħħiet mill-konvenut Michael Portelli;
>
> "Illi din ix-xatba reġgħet twaħħlet mill-ġdid mill-atturi fit-tmienja (8) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u reġgħet inqalgħet mill-konvenut Michael Portelli ftit jiem wara;

"Illi dan l-aġir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi.

"Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll, vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi;

"2. Tikkundanna lill-konvenuti jisporġu l-ispoll kommess minnhom fi żmien qasir u perentorju bilil jpoġġu kollox fl-istat pristin tiegħu;

"3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu x-xogħolijiet neċessarji huma a spejjeż tal-konvenuti.

"Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri interpellatorji tal-ħamsa (5) u tas-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004).

"Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrkin.

"Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Rita Ellis.

"Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew:

"1. Illi l-elementi rikjesti għall-azzjoni ta' spoll ma jirriżultawx: il-proprjeta' (irrilevanti għall-finijiet ta' azzjoni possessoria) u l-pussess reklamati mill-atturi huma kontestati u ma jirriżultawx. Il-pussess inekwivoku u pubbliku kien tal-konvenuti illi eżerċitaw tali pussess b'mod leġittimu u se mai jsib applikazzjoni l-prinċipju illi "*vim vi ripellet licet*"; ma sar ebda spoll klandestin u vjolenti u konsegwentement, l-azzjoni ma tistax tirnexx.

"Jiġi rilevat illi l-konvenut jsemmu *(sic)* u jindikat (*sic*) raba l-Qala filwaqt illi l-atturi jsemmu n-Nadur.

"Salvi eċċezzjonijiet oħra.

"Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Michael Portelli.

"Rat il-verbal tagħha tat-12 ta' Mejju 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

"Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

“Rat il-verbal tal-partijiet tas-16 ta’ Marzu 2007, fejn qablu li x-xhieda li ġiet prodotta fil-kawża fl-istess ismijiet (Ċitaz. Nru. 80/2005) tiġi allegata ma’ din il-kawża, u li x-xhieda miġbura f’din il-kawża tkun tapplika wkoll għal dik il-kawża.

“Ikkunsidrat:

“Illi din hija kawża ta’ **spoll**. Dwar kawża ta’ dan it-tip ġie mfisser illi:

*“In tema legali jinghad li l-‘**actio spolii**’ hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta’ utilita’ socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f’idejh; b’mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat;*

*“L-art.572 (illum 535) tal-Kodici Civili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta’ ordni publiku, u huwa inerenti ghall-fatt ta’ min b’awtorita’ privata jaghmel ghad-dannu ta’ terza persuna att li, ghalkemm jista’ jkollu dritt ghalieh, ma jkunx jista’ jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta’ Awissu 1879 in re Borboglio vs.Fischt,Volum XIII, P.1,pag.555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma’ dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-art.794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta’ spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol.XXXI.I.296 Appell 8 ta’ Marzu 1943,in re “Francesco Mifsud vs Michele Cassar”;Vol.XXI.II.83 P’Awla Civili,20 ta’ April 1916,in re ‘Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.’ konfemata fl-Appell fis-26 ta’ Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta’ Ottubru 1899, in re Decarcano vs.Cafici, Foro Catanese Vol.1889, pagna 124;u dan biex inghataw xi sentenzi);…..”.*[1]

“Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

“(i) li l-attur kellu l-pussess ta’ kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

“(ii) li ġie disturbat f’dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit: Prim’Awla:12.4.1958 vol.XLII..II.975

"(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse)*.

"*Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat,l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra*."[2]
Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi:

"*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace public a. L'articolo 695 del Cocice Civile applica,in tutto il suo rigore,la regola* ***"spoliatus ante omnia restituendus****". Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

"Permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jilmentaw mill-fatt mhux kontestat li l-konvenuti qalgħu xatba tal-ħadid li huma kienu għadhom kemm waħħlu quddiem l-entratura ta' mitħna fi Triq Grunju, n-Nadur, li jgħidu li hija proprjeta' tagħhom.[4]

"Sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jigi stabilit jekk jeżistux dawn it-tliet elementi fil-każ in eżami.

"**1. Il-Pussess**: Dwar l-ewwel element indikat hawn fuq, li huwa meħtieġ sabiex tirnexxi kawża ta' spoll, ingħad:

"*Illi l-ewwel rekwizit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-reintegrazzjoni, tista' tigi milqugha bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga li fuqha jkun pretiz li sar l-ispoll. L-espressjoni wzata mill-ligi – '****possession of whatever kind****'- dak li jinteressana f'dal kaz -tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak semplicement naturali, u anki dak vizzjuz; imma pero' tesigi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-ghaliex, jekk l-attur f'kawża bhal din li fuqha qeghdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-haga, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix*." [5]

"Teżisti kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-proprjeta' ta' din il-mitħna u r-raba ta' madwarha. **L-atturi** ressqu ħafna xhieda biex jippruvaw li din il-mitħna kienet inbniet min-nannu tagħhom Vincenzo Camilleri u għamlet żmien twil okkupata miz-zijiet tagħhom Mikieli,

---

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia; Appell Ċiv.7.3.1958 – vol.XLII.I.86
[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol.I. 5ta.ed.1902 Torino, para.271
[4] Ara site plan Dok. JE 1 a fol. 61 tal-proċess tal-kawża: 80/2005
[5] Fenech vs Zammit, ġia ċitata

Roza, Carmela u Anna, lkoll aħwa Camilleri,[6] sakemm meta bdew jikbru fl-eta' marru joqgħodu f'mitħna oħra proprjeta' tagħhom iżjed lejn iċ-ċentru tar-raħal. Ir-raba ta' madwarha pero' baqgħet tinħadem, l-ewwel mill-attur Pietru Camilleri, u mbagħad mir-raġel tat-tifla tiegħu George Gatt.[7]

"X'kien ġara fl-imgħoddi mhuwiex daqstant rilevanti, għax dak li jridu jippruvaw l-atturi għall-fini ta' din il-kawża huwa l-pussess attwali tagħhom meta seħħ l-allegat spoll. Hija għalhekk ferm important f'dan ir-rigward ix-xhieda mogħtija minn terzi persuni li m'għandhom xejn x'jaqsmu mal-kontestazzjoni bejn il-kontendenti. Ewlieni fost dawn ix-xhieda nsibu lil **Paul Portelli** li joqgħod qrib ħafna tal-mitħna. Infatti: "…*Kull ma hemm bejn il-mithna u l-post tieghi ghalqa*."[8] Huwa kkonfema li: "*Dan l-ahhar tlettax–il sena kemm ilni hawn mill-Awstralja, dejjem lil Pietru Camilleri nara hemm u wiehed certu George Gatt li mizzewweg ghand Pietru jahdem l-ghalqa ta' wara l-mithna*."[9] L-istess hemm **Patist Tabone**, li wkoll joqgħod f'din it-triq, u li dejjem jaf lil familja "ta' Sufa" hemmhekk (b'referenza għall-atturi li jsibuhom b'dak il-laqam). Lill-konvenut u missieru jafhom jaħdmu xi nofs tomna raba iżjed lejn it-tramuntana mill-mitħna.[10] Imbagħad hemm Marija Falzon, li l-familja tagħha għanda razzett qrib il-mitħna,[11] u jikru għalqa wara l-mitħna[12] mingħand Ġużepp Falzon, ir-raġel ta' waħda mill-atturi.[13]

"Minn naħa l-oħra l-konvenut **Michael Portelli**, filwaqt li jammetti li qatt ma ħadem l-art ta' madwar il-mitħna,[14] jippretendi li kellu l-pussess tagħha meta neħħa x-xatba in kwistjoni, billi: (i) kien feda ċens perpetwu li allegatament jirreferi għall-art fejn hemm il-mitħna, imma d-Dipartimnet tal-Artijiet li aċċetta l-fidi ammetta li ma jafx fejn tinsab;[15] (ii) kien applika mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex jirrestawra l-mitħna billi kienet tinsab fi stat dilapidat; (iii) għamel applikazzjoni wkoll biex din il-mitħna u l-art ta' madwarha jiġu reġistrati f'ismu mar-Reġistatur tal-Artijiet.[16] Imma dawn il-manuvri m'għandhom l-ebda rilevanza għall-kwistjoni presenti, daqskemm lanqas m'għandhom l-allegazzjonijiet dwar kemm missieru kien jaħdem ir-raba ta' madwar il-mitħna qabel mal-konvenut siefer fl-1984, u li missieru kien ħa ħsieb

[6] Ara arblu ġeneologiku esebit bħala Dok. J.S a fol. 61 – 63 tal-proċess
[7] Ara deposizzjoni ta' Pietru Camilleri a fol. 18 – 33, ta' Tonio Ellis a fol. 34 – 41, Joe Saliba a fol. 52 – 56, u ta' George Gatt a fol. 57 – 58,
[8] Ara deposizzjoni tiegħu a fol. 89
[9] Ibid. a fol. 90
[10] Ara deposizzjoni tiegħu a fol. 67 – 78 tal-proċess 80/2005
[11] Mmarkat bl-ittra "X" fuq il-pjanta a fol. 61 tal-poċess 80/2005
[12] Immarkata bl-ittra "A" fuq l-istess pjanta
[13] Ara deposizzjoni tagħha a fol. 123 – 128 tal-proċess 80/2005
[14] Ara xhieda tiegħu in kontro-eżami a fol. 525 tal-proċess 80/2005
[15] Ara Nota nru. 35 a fol. 349 tal-proċess 80/2005
[16] Ara deposizzjoni tiegħu a fol. 483 - 532 tal-proċess 80/2005

jaqla' l-antenni tal-mitħna żmien ilu, meta tkissru bil-maltemp.[17] Imma l-ebda waħda minn dawn l-azzjonijiet ma tipprova l-pussess attwali tal-konvenut meta seħħet l-azzjoni lmentata.

"Ir-referenza li saret fin-Nota tal-Osservazjonijiet tal-konvenut għall-fatt li huwa ma kienx instab ħati tar-reat ta' *ragion fattasi* dwar l-inċident mertu ta' din il-kawża,[18] m'għandiex tinfluwenza lil din il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha, billi apparti li huwa magħruf li l-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma separati u distinti minn xulxin, hawnhekk il-Qorti kellha l-opportunita' tidħol ħafna iżjed fid-dettal tal-provi milli kellha dik il-Qorti. Hekk ukoll l-argument miġjub f'din in-Nota li l-atturi stess ammettew il-pussess tiegħu proprju fiċ-ċitazzjoni meta ppremettew li l-konvenut kien daħal fit-territorju tagħhom kemm il-darba bil-periti biex ikejjel, lanqas ma jreġi. Dan għaliex billi sempliċement daħal f'dan it-territorju għall-iskop imsemmi, b'daqshekk ma akkwistax il-pussess. Anzi kien proprju għax riedu jinbarraw l-aċċess għal persuni mhux awtorizzati f'dak li jgħidu li hu jwejjiġhom, li l-atturi waħħlu x-xatba in kwistjoni. Sinjifikanti wkoll kif il-konvenut qatt ma ħa ebda passi biex jiżgombra lill-Pietru Camilleri u warajh lil George Gatt mill-art ta' madwar il-mitħna li kienu qegħdin jaħdmu.

"F'dawn iċ-ċirkostanzi jirriżulta li l-element tal-pussess rikjest mil-liġi jinsab adegwatament ippruvat.

**1. L-ispoll**:

"Kif ifisser il-**Mattirolo**:

"*Spoglio <u>violento</u> e' qualunqe atto arbitrario di spogliazione, compiuto contro la volonta' espressa o presunta del possessore, sebbene non si usi contro questo alcuna violenza fizica ne' intervenga per parte del medesimo un'effettivo opposizione all'atto dello spoglio. Onde non e' necessario che la violenza, ossia la spogliazione, sia direttamente praticata contro la persona,…ma basta quella adoperata sulla cosa,…*

*"Spoglio <u>clandestino</u> e' qualunque atto di spogliazione, che avvenga all'insaputa del possessore, anchorche' non sia stato commesso di notte o di soppiatto*." [19]

"Intqal f'dan ir-rigward mill-qrati tagħna:

"… *biex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll, mhux mehtieg biex dan ikun vjolenti, li jkun hemm il-vis atrox jew le vie di fatto, imma*

---

[17] Ara deposizzjoni tiegħu a fol. 96 - 106
[18] Ara kopja tas-sentenza relativa a fol. 223 – 241
[19] Op.cit.para.270, pag.253 - 254

*hu bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu, ta' min isofri l-ispoll.*" [20]

"Huwa ammess mill-konvenut li kien hu li neħħa x-xatba li kienu poġġew l-atturi. Dan stqarru hu stess mal-Pulizija li kienu nvestigaw il-kawża fuq rapport li kien sarilhom mill-atturi. Infatti lill-Pulizija qallhom: "*…Il-gate nehhejtha jien ghax hemmhekk tieghi u qed nipprova nirranga l-mithna biex inbieghha…*" [21]

"Il-konvenut jirreferi f'dan ir-rigward għall-eċċezzjoni tiegħu tal-*vim vi ripellere licet*. Esponent ewlini ta' din it-teorija kien il-**Mattirolo** li jispjega illi:

"*Certo la necessita' dell'attuale difesa autorizza l'assalito a ripellere **vim vi**, ad opporsi cioe' al'uopo con la forza, alla spogliazione che gli si minaccia, ed anche la teoria del **confestim** ossia dell' **ex** (o **in**) **continenti**, la quale si appogia a parecchi testi del diritto romano, ed e' pure ammessa dalla giurispudenza moderna.*

*"Gli estremi necessari per potere repellere **vim vi** e cosi' rioccupare la cosa, sono tre: 1o. che vi sia stata violenza per parte dello spogliatore; onde in tema di spoglio clandestino non si applica mai **l'in continenti**; 2o che la resistenza o la ricpupera segue immediatamente (**ex continenti**, non **ex intervallo**); 3o che essa avvenga nella stessa circostanza in cui succedette lo spoglio (**in ipso congressu**)."* [22]

"Din it-teorija u awturi oħra taljani li jħaddnuha ġew iċċitati favorevolment mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Jannar 1989 fil-kawża: "Carmelo Sant vs Gerolamo Deguara et."[23] Imbagħad fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 1998 fil-kawża: "Gorg Camilleri vs Gorg Bonello" fissret illi:

" *L-immedjatezza li trid il-ligi ma tistax u m'ghandhiex tigi ekwiparata mar-reazzjoni kontemporanja tal-agir spoljattiv li bih l-attur juzupa l-pussess tal-konvenut u akkwistah a skapitu tieghu. Interpretazzjoni rigida bhal din twasal ghal sitwazzjoni assurda jekk mhux ukoll provokattiva ghall-konfront fiziku vjolenti bejn min kien ikun qieghed jikkontesta l-istess dritt ghax tipprovoka konfrontazzjoni fizika immedjata f'sitwazzjoni spiss esplossiva*."[24]

[20] Prim' Awla. 26.1.1957: Carmelo Rosario Dimech vs Antonia Fenech et. (kollez. vol.XLI.ii.846); sottolinear ta' din il-Qorti
[21] Ara kopja tal-okkorenza relattiva a fol. 69 - 70
[22] Op. Cit para. 273, pag. 257 u footnote (2)
[23] Kollez. vol.LXXIII.ii.267
[24] Kollez. vol. LXXXII.ii.(pt.i), 512

"Imma fil-każ in eżami rajna li l-pussess kien f'idejn l-atturi meta l-konvenut qala' r-rixtellu li kienu għadhom kemm waħħlu, u għalhekk ma seta' kien hemm ebda att spolattiv da parti tagħhom. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni ma treġix.

"L-element tal-ispoll jinsab għalhekk ippruvat ukoll.

**2. Ix-xahrejn**: Ma jidhirx li hu kontestat illi din il-kawża ġiet intavolata fi żmien ix-xahrejn rikjesti mil-liġi mid-data li fiha seħħ li spoll. Infatti dan stqarruh il-konvenuti stess fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom.[25]

"Għalhekk billi jirriżulta li ġew sodisfatti l-elementi rikjesti mil-liġi għas-suċċess ta' kawża ta' spoll, il-kawża presenti għandha tirnexxi. Konsegwentement tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi, u

"1. Tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi, billi qalgħu x-xatba li l-atturi kienu waħħlu sabiex jagħlqu l-aċċess għall-mitħna imsemmija fiċ-ċitazzjoni;

"2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jispurgaw l-ispoll minnhom kommess billi jerġgħu jpoġġu kollox fl-istat pristin tiegħu; u dan fi żmien xahar mil-lum;

"3. Fin-nuqqas li jesegwixxu dan ix-xogħol fiż-żmien konċess, tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu huma l-istess xogħolijiet a spejjeż tal-konvenuti.

"Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri nterpellatorji tal-ħamsa (5) u tas-sittax (16) ta' Ġunju tal-elfejn u erbgħa (2004), kontra l-istess konvenuti."

## Rikors tal-appell tal-konvenuti Portelli:

Il-konvenuti ħassuhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. L-aggravji in suċċint kontra l-ewwel sentenza huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u l-provi li tressqu quddiemha u jsostnu li l-atturi appellati ma

[25] Ara fol. 18 tan-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-konvenuti tat-28.06.2017.

kellhomx il-pussess rikjest mil-ligi ghall-iskop ta' din il-kawza u li kienu huma li kellhom l-istess pussess.

**Risposta tal-appell tal-atturi:**

L-atturi wieġbu biex jgħidu li s-sentenza ppronunzjata mill-ewwel Qorti hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata wara li rribattew l-argumenti imressqa fir-rikors tal-appell.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Kif issemma essenzjalment l-appellanti qed jitolbu li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-pussess; jghidu li fil-fatt huma kellhom il-pussess tal-ambjenti in kwistjoni u fir-rigward tax-xatba imsemmija fir-rikors promotur l-appellant ghamilha biex jiddefendi ruhu minn spoll kommess mill-appellat; kwindi qed jinvoka l-principju "vim vi ripellere licet".

Wara li ezaminat l-atti ta' din il-kawza, il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti. L-appellanti qed jitolbu lil din il-Qorti biex tirrevoka s-sentenza ghaliex trid li din l-istess Qorti temmen xhieda ohra minflok dawk li emmnet l-Ewwel

Qorti, bhal Paul Portelli, Dun Salv Pace u Patist Tabone kif ukoll l-istess atturi bhal Maria Ellis, **meta din il-Qorti ma semghetx ix-xhieda hi**. Din il-Qorti setghet taghmel dan kieku irriskontrat xi nuqqasijiet fid-deposizzjonijiet taghhom izda minn dan ma jirrizulta xejn. Tirriskontra anzi nuqqasijiet fl-esposizzjoni tal-fatti tal-appellanti li f'waqtiet jghid li l-appellati qatt ma kellhom pussess tal-ambjenti u li kien hu (u qablu missieru) li dejjem kellu dan u fl-istess rikors tal-appell jghid li l-appellati kellhom xi darba l-pussess u telquh. Dan allura jistona ma l-allegazzjoni tieghu li mhux talli hu kien il-pussessur izda addirittura l-proprjetarju, ladarba jishaq fuq il-fatt li xi snin ilu kien ihallas ic-cens lil Kurja u imbaghad feda' l-istess cens! Anke hawn il-Qorti tara inkosistenzi da parti tal-appellanti li fil-fatt ipprezenta aktar minn cedola wahda biex jifdi c-cens u kull darba jzid fil-kobor tal-art in kwistjoni.

Finalment l-appellanti jilmentaw li kull ma ghamlu kien li regghu ghamlu x-xatba wara li l-appellati kienu nehhewha. Huwa minnu li l-appellati nehhew ix-xatba – dan jindikawh huma stess fir-rikors promotur.

Kif qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Jason Zammit v. Angele Zammit tad-19 ta' Jannar 2011:**

> "*fl-azzjoni ta' spoll privileggat, huwa stabbilit li difiza bhal dik tista' tittella' biss jekk jikkonkorru cirkostanzi partikolari. Dawn huma mfissra fit-taghlim dottrinali fejn irid jintwera li (a) kien hemm ghamil spoljattiv*

> *vjolenti, (b) li r-reazzjoni biex tirribatti dak l-ghamil issehh minnufih jew fi zmien qrib (ex continenti non ex intervallo) u (c) li dik ir-reazzjoni ssehh fl-istess cirkostanza li jkun sehh l-ghamil spoljattiv (in ipso congressu). Dan huwa tagħlim li l-Qrati taghna jidher li haddnu wkoll. Biex jista' jingħad li rreazzjoni ghall-fatt spoljattiv tkun sehhet ex confestim jew ex continenti mhux bilfors li tkun trid titwettaq sewwa sew fl-istess waqt li jkun qieghed isir l-ghamil spoljattiv tal-parti l-ohra, izda m'ghandux lanqas jilhaq jghaddi zmien twil biex wiehed jista' jibqa' jghid li l-ghamil tieghu kien tassew reazzjoni mgarrba mill-vjolenza tal-parti l-ohra. F'kaz partikolari, il-moghdija ta' ftit sigħat jew ta' xi jum jew tnejn tqiesu li jaqghu taht il-kappa tal-kontestwalita' ex continenti*;" (ara wkoll Kollazz Vol. XLI P II p 846; **Frances Spiteri v. Gilju Briffa** [Appell Sede Inferjuri tal-15 ta' April 1986]; **Carmelo Sant v. Gerolamo Deguara et** [Appell Civili tal-25 ta' Jannar 1989; **Georgina Borg v. Errol Cassar et** [Prim'Awla tal-21 ta' Ottubru 2002] **u Baldacchino Kerr v. Baldacchino** [Appell tal-5 ta' Dicembru 2014].

Illi fuq dan l-aspett ukoll, il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Gorg Camilleri v. Gorg Bonelllo** (deciza fil-5 ta' Ottubru 1998) qalet illi:

> "*F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok għaliha għandu dejjem ikun identifikabbli u għandu dejjem jiġi bi preċiżjoni identifikat ('spolitaum fuisse') bħala fatt li sehh fi żmien determinat mhux biss għaliex mill-mument meta javvera ruħu li l-perijodu ta' dekadenza estintiva ta' l-azzjoni jibda jiddekorri, imma wkoll għaliex it-talba jeħtieġ tkun għar-reintegrazzoni tal-attur*."

Illi l-Qorti ċċitat sentenza antika (Vol XXIV P 1 paġna 281) fejn ġie ritenut illi:

> "*Dell' altro canto chi rimuove ostacoli trovati nel passaggio alle proprie terre per aprirvi l' accesso <u>che prima possedeva</u> non fa' atto violento, ne' commette spoglio, ne' si fa' giustizia da se' ma eseracita il su diritto <u>entro i limiti del suo possesso</u>, o meglio, <u>afferma e continua il proprio possesso</u> di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli*."

Illi l-Qorti imbagħad qalet li dan naturalment japplika *a contrario sensu*. Naturalment pero` din l-azzjoni tal-konvenut trid tkun saret

immedjatament wara li jkun sar l-ispoll tal-attur biex tkun ġustifikata. (ara wkoll is-sentenzi **Pellegrini Petit v. Sammut** – Appell deċiż fis-16 ta' Jannar 1920 u **Sammut v. Sammut** – deċiża mill-Prim Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Illi l-Qorti tkompli billi tghid:

> "……*l-eccezzjoni tal-vim vi repellere tista' tinghata biss meta l-azzjoni difensiva ssir confestim jew in continenti u mhux ex intervallo (**Vol. XL 1, pt.11, p.846**);"*

Mill-banda l-ohra l-immedjatezza li trid il-ligi ma tistax u ma ghandhiex tigi ekwiparata mar-reazzjoni kontemporanja ma' l-agir spoljattiv li bih l-attur juzurpa l-pussess tal-konvenut u jakkwistah a skapitu tieghu. Interpretazzjoni rigida bhal din twassal ghal sitwazzjoni assurda jekk mhux ukoll provokatorja ghall-konfront fiziku vjolenti bejn min kien ikun qieghed jikkontesta l-istess dritt ghax tipprovoka konfrontazzjoni fizika mmedjata f'sitwazzjoni spiss esplossiva.

> *"nessuno nega che sia lecito non soltanto di conservare e defendere colle forza il possesso ne di ricuperare eziando colla forza il possesso perffetto della violenza perduta; l'unica condizione che viene richiesta al riguardo si e' che la forza si impieghi confestim o in continenti non ex intervallo. Se non che quando si dice confestim non va gia intesa la parola in senso assoluto e strettamente literale bensi in sneso relattivo ed a seconda delle circostanze da apprezzarsi della prudenza del judice' (**Vol. XXIX pt. 1, p. 281**)".*

Fil-kaz in ezami, kien pero` l-appellant stess li originarjament wettaq l-ispoll billi dahal fil-proprjeta` mal-periti tieghu u kienu pjuttost l-appellati li ddefendew it-territorju taghhom mill-ispoll originali tal-appellanti. Kwindi kif semmiet l-ahhar sentenza citata kien l-appellanti l-hin kollu illi ittenta *juzurpa l-pussess* tal-appellati.

L-appellati ressqu wkoll bizzejjed provi li l-kawza giet intavolata entro x-xahrejn rikjesti mill-ligi tant li l-appellanti ma ressqu ebda aggravju fir-rigward.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma interament is-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr